# Aħbar Tajba



Ġen 3, 9-15
S 129 (130), 1-2.3-4ab.4ċ-6.7-8
2 Kor 4, 13 – 5,1
Mk 3, 20-35

"Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla,
**dak huwa ħija, u oħti, u ommi."**

Qatt mortu għal xi family reunion? Tafu kif tkun hux veru? Il-kbar jiftehmu ħin u post u l-membri tal-familja jiltaqgħu jieklu xi ħaġa u jqattgħu ftit ħin flimkien. Għax tassew sabiħ li tara lil kulħadd jitkellem ma' xulxin u jieħu pjaċir. Nanniet, zijiet, kuġini u aħwa. Ngħid għalija tgħidx kemm konna nieħdu gost għax konna norganizzawhom nhar ta' Ħadd u nqattgħu jum sħiħ flimkien. Konna nsibu ħin biex nilagħbu xi logħba flimkien wkoll. Għax għalkemm ngħixu fuq gżira żgħira ma tantx kont niltaqa' mal-kuġini u z-zijiet kollha. Ħbieb, qatt ma għandna nieħdu lill-familja *foregranted* u għalkemm għadkom żgħar intom ukoll għandkom sehem importanti fil-ħajja tal-familja.

Fl-ewwel ktieb tal-Bibbja, li għadna kif qrajna minnu llum, l-ewwel ħaġa li Alla jagħmel hu li joħloq familja. Alla joħloq raġel u mara, Adam u Eva, u jberikhom u jgħidilhom biex joktru. Alla mbagħad jafdalhom id-dinja f'idejhom għax tassew familja, jekk taħdem flimkien tista' tagħmel ħwejjeġ kbar.

L-ewwel nett, familja taf tieħu ħsieb ta' xulxin. Tħossok komdu għax hemm xi ħadd li jagħti kasek u jimpurtah minnek. Meta nkunu żgħar ħafna mill-affarijiet jieħdu hsiebhom il-ġenituri imma meta dawn jikbru u ma jkunux jifilħu daqshekk, imbagħad l-ulied jibdew jieħdu ħsieb tal-ġenituri tagħhom huma. Dik hi l-familja, li ngħinu lil xulxin.

Il-qari tal-Evanġelju tallum jgħinna naraw li l-fidi tagħna f'Ġesù tagħmilna membri tal-familja kbira tiegħu. Ġesù llum ukoll qed jgħidilna li, "min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija u oħti u ommi".

Fid-dinja, din il-familja ta' Ġesù nsejħulha l-Knisja. Bħal kull familja oħra, fil-Knisja għandna resposabbiltà li nieħdu ħsieb lil xulxin. Allura importanti ħafna li nkunu ħbieb ta' xulxin, ngħinu lil xulxin, li nagħtu kas ta' xulxin, li nieħdu paċenzja b'xulxin, li naħfru lil xulxin u fuq kollox li nitoblu ħafna għal xulxin.

U bħalma fil-familja naturali tagħna, kultant l-aħwa jonqsu lil xulxin, anki fil-Knisja minkejja Alla jmexxiha għas-sewwa, imma kultant għandna aħwa Nsara li jiżbaljaw. Allura fil-Knisja ta' Ġesù hemm bżonn ukoll ħafna li nikkoreġu lil xulxin b'imħabba u li nkunu lesti li naħfru lil xulxin.

Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

KOTRA, QRABATU, TILEF, MOĦĦU, KITTIEBA, PARABBOLI, SPIRTU, SANTU, OMMOK

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | P | P | O | S | T | L | I | D | Ġ |
| M | I | R | A | K | L | I | N | I | E |
| K | N | A | Z | A | R | E | T | X | R |
| O | N | S | P | I | R | T | U | X | U |
| T | I | L | E | F | U | M | S | I | S |
| R | Ġ | E | S | Ù | K | O | A | P | A |
| A | Z | E | L | O | I | Ħ | N | L | L |
| Ġ | I | R | IE | N | T | Ħ | T | I | E |
| Q | R | A | B | A | T | U | U | F | M |
| D | U | Ċ | E | J | IE | W | E | I | M |
| O | M | M | O | K | B | T | I | D | L |
| GĦ | A | R | E | F | A | T | A | L | I |
| P | A | R | A | B | B | O | L | I | Ġ |
| F | A | R | I | Ż | E | W | S | A | I |

"Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla,
**dak huwa ħija, u oħti, u ommi."**



## SANTA PAWLA FRASSINETTI



Pawla Frassinetti twieldet Genova, l-Italja. Omma mietet meta kellha biss 9 snin. Ħuta s-subien saru saċerdoti u hi ħasset li kellha l-vokazzjoni biex issir soru, imma missiera ma xtaqhiex titlaq mid-dar. Meta kibret ħasset li kellha t-talent tat-tagħlim u fl-1934, flimkien ma sitt tfajliet oħra bdew jgħixu flimkien bħala komunità bl-isem Ulied il-Fidi u matul il-ġurnata jgħallmu bniet fqar. Dan il-grupp beda jissejjaħ is-sorijiet ta' Santa Dorothea wara li bdew jieħdu ħsieb istitut bl-isem Opra tal-Ħniena ta' Santa Dorotea. Ftit ftit dan il-grupp beda jikber u fetħu aktar djar, u għalkemm bilkemm kellhom flus biex jgħixu huma, fl-1866 bagħtet xi sorijiet fil-Brażil u l-Portugal biex jiftħu djar hemmhekk. Illum hawn ħafna skejjel imwaqqfa mis-sorjiet tad-Dorotej, inkluż hawn f'Malta.

Pawla Frassinetti kienet idikjarata qaddisa minn Papa Ġwanni Pawlu II fl-1984.

Pawla Frassinetti kienet tħeġġeġ lis-sorijiet tagħha b'dawn il-kelmiet: Kunu fjakkoli u ħġejjeġ jaħarqu, biex kull fejn tmissu, taħarqu bin-nar tal-imħabba ta' Alla.

Talba: Ġesù għinni biex bħal Pawla Frassinetti jien ikolli ħafna mħabba għall-fqar u dawk differenti minni, u agħmel li permezz ta' din l-imħabba nkun nista' nwassal l-imħabba ta' Alla għalihom.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT! www.sayitmalta.com 32, Tarxien rd Paola YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com

AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION